# Avviżi

*Il-Ħadd 25 ta' Lulju 2010.*

1. It-Tlieta ma jiftaħx l-uffiċċju parrokkjali. Se ssir ħarġa għal Għawdex għall-abbatini.

2. L-Erbgħa fit-8.00pm jiltaqa' il-GRUFAN fid-Dar Parrokkjali.

3. Il-Ħamis se ssir attivita' Wied il-Għajn li għaliha mistiedna l-lajċi kollha impenjati fil-parroċċa. Fis-6.30pm niltaqgħu il-kappella ta' San Niklaw għal ħin ta' talb u wara mmorru nieklu il-Fanal. Min jixtieq jiġi ikellimni.

4. Il-Ħadd bħala parti mill-attivitajiet marbutin ma' l-attivita' ta' Puttinu Cares il-Quddiesa tat-8.30am issir fit-8.00am u minflok issir ix-Xatt.

5. Infakkar li wieħed jista' jitqarben jew f'ħalqu jew f'idejħ. Importanti li min jitqarben f'idejh ikollu idejh noddfa, ma jkollu xejn f'idejh, anqas kuruna tar-Rużarju u jżommhom fuq xulxin fil-forma ta' tron. Meta nersqu għat-tqarbin inwieġbu Amen u important li inkunu fil-grazzja ta' Alla (jiġifieri ma jkollniex dnubiet mejta fuq il-kuxjenza tagħna li ma qerrejniex). Wara t-tqarbin fis-skiet ngħaddu ftit ħin jekk jista' jkun għarkubtejna nirringrazzjaw lil Ġesu' Ewkaristija. Min għal xi raġuni ma jkunx jista' jitqarben jagħmel f'qalbu tqarbina tax-xewqa.

6. Nirringrazzja lil dawk kollha li fil-jiem tal-festa għamlu offerti b'riżq il-proġett tad-dawl u xogħol important ta' manutenzjoni li teħtieġ il-Knisja.

7. Mill-ġdid nirringrazzja lil dawk kollha li għenu biex din is-sena ikollna festa hekk sabiħa u nawgura li nkomplu nimpenjaw ruħna biex minn sena għall-oħra nikbru fl-għaqda bejnietna u nneħħu dak kollhu li ma jaqbilx mal-Vanġelu.